

Brussell, 9 ta' April 2019
(OR. en)

8382/19

COPS 117
CIVCOM 43
FIN 284
CFSP/PESC 276
CSDP/PSDC 170
RELEX 366
JAI 384
COAFR 71
EUCAP SAHEL 14
EUCAP MALI 19

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru. dok. preċ.:	7279/19 COPS 76 CIVCOM 22 FIN 230 CFSP/PESC 205 CSDP/PSDC 113 RELEX 250 JAI 281 COAFR 47 EUCAP SAHEL 5 EUCAP MALI 10
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niġer u l-Mali: il-progress huwa limitat u miexi bil-mod"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niġer u l-Mali: il-progress huwa limitat u miexi bil-mod", kif adottat mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' April 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
IR-RAPPORT SPEĊJALI NRU 15/2018 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
"TISĦIĦ TAL-KAPAĊITÀ TAL-FORZI TAS-SIGURTÀ INTERNA
FIN-NIGER U L-MALI: IL-PROGRESS HUWA LIMITAT U MIEXI BIL-MOD"

1. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali Nru 15/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA): "Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niger u l-Mali: il-progress huwa limitat u miexi bil-mod" tal-14 ta' Ġunju 2018, li jkopri l-perijodu mill-varar tal-EUCAP Sahel Niger fl-2012 u tal-EUCAP Sahel Mali fl-2014. Il-Kunsill jirrikonoxxi li s-sejbiet tal-QEA jikkontribwixxu għat-titjib tal-metodi ta' ħidma u l-proċessi fi ħdan il-Missjonijiet.
2. Il-Kunsill jinnota li l-QEA kkonkludiet li, minkejja l-kuntest diffiċli u l-ineffiċjenzi operazzjonali, il-Missjonijiet ikkontribwew għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna. Tfaħħar ix-xogħol impenjattiv imwettaq miż-żewġ Missjonijiet, li matul is-snin irnexxielhom isiru sħab ewlenin fl-appoġġ għall-proċessi tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà taż-żewġ pajjiżi. Il-kisbiet fl-implimentazzjoni tal-mandati ntlaqgħu mill-Kunsill fl-okkażjoni tar-Rieżamijiet Strateġiċi u l-estensjonijiet tal-mandati.
3. Il-Kunsill jenfasizza r-rilevanza tal-ħames rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Qorti tal-Awdituri: li jieħdu miżuri biex titjeb l-effiċjenza operazzjonali tal-Missjonijiet; li jtejb u r-rata ta' okkupanza tal-postijiet għall-persunal fil-Missjonijiet; li jistabbilixxu mandati u baġits li jaqblu mal-operazzjonijiet u li jipprevedu strateġija ta' ħruġ; li jżidu l-fokus fuq is-sostenibbiltà; li jtejb u l-indikaturi, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

4. Il-Kunsill jirrikonoxxi li qed jiġu implimentati għadd ta' miżuri b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport tal-QEA, inkluż bħala parti mis-segwitu għall-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK u l-impenji tiegħu għall-Istati Membri, is-SEAE u l-Kummissjoni.
5. L-ewwel nett, il-Kunsill jilqa' l-miżuri meħuda biex titjieb l-effiċjenza operazzjonali tal-Missjonijiet, implimentati mis-SEAE u l-Kummissjoni. Dawn jinkludu l-operazzjonalizzazzjoni tal-Kapaċità Bażika ta' Rispons biex jitjieb l-iskjerament rapidu ta' esperti kwalifikati, it-tisħiħ tal-Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet, l-istabbiliment ta' Maħżen Strateġiku u d-delega ta' responsabbiltajiet ta' akkwist lill-Kapijiet ta' Missjonijiet. Il-Kunsill jinnota wkoll il-ħidma kontinwa mis-SEAE immirata lejn it-titjib tal-implimentazzjoni permezz tal-għoti ta' gwida Prattika u eżempji tal-aħjar Prattiki għall-Missjonijiet. Huwa jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex imexxu 'l quddiem dawn l-inizjattivi differenti, kif adatt.
6. It-tieni nett, il-Kunsill jinnota li r-rati ta' okkupanza fiż-żewġ Missjonijiet tjebru mill-pubblikazzjoni tar-Rapport 'il hawn. Filwaqt li jfakkar fl-impenji tal-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK relatati mal-għadd akbar ta' persunal issekondat u l-prijorità mogħtija lilu, il-Kunsill ifakkar fl-istedina tiegħu lis-SEAE biex jirrieżamina l-politika u l-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kunsill jistieden ukoll lis-SEAE biex jespjora soluzzjonijiet biex jindirizza t-tibdil fil-persunal tal-missjonijiet.
7. It-tielet nett, il-Kunsill ifakkar fid-Deċiżjonijiet tiegħu li jistabbilixxu perijodi baġitarji ta' sentejn għaż-żewġ Missjonijiet¹², li jikkorrispondu għall-mandati itwal u pluriennali tagħhom, kif ukoll l-oġettivi tagħhom u b'kont meħud tas-sitwazzjoni fuq il-post.

¹ DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1247 tat-18 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) – ĠU L 235 tad-19.9.2018;

² DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/312 tal-21 ta' Frar 2019 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) – ĠU L 51 tat-22.2.2019

8. Ir-raba' nett, il-Kunsill jieħu nota tat-titjib fl-attivitajiet kemm ta' konsulenza kif ukoll ta' taħriġ tal-Missjonijiet li għandhom l-għan li jsegwu l-kontropartijiet permezz ta' mentoraġġ, kif ukoll it-titjib tal-approċċ ta' "ħarreġ lil min iħarreġ". Il-Kunsill jistieden liż-żewġ Missjonijiet biex jiffukaw aktar fuq is-sostenibbiltà, l-iżvilupp ta' strateġiji ta' transizzjoni, u billi jiġu trasferiti attivitajiet, kif adatt, iħeġġu l-awtonomija fil-Forzi tas-Sigurtà Interna, filwaqt li jiffukaw fuq l-għoti ta' appoġġ u sostenn kif ukoll li jagħmlu segwitu għall-użu li jsir mit-taħriġ u t-tagħmir. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li tissaħħaħ aktar is-sjieda lokali tal-awtoritajiet fin-Niġer u l-Mali.
9. Fl-aħħar nett, rigward ir-rakkomandazzjoni tal-QEA biex ikomplu jitjiebu l-indikaturi, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Missjonijiet, il-Kunsill jilqa' t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' evalwazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' ċelloli dedikati fiż-żewġ Missjonijiet. Huwa jhegheg liż-żewġ Missjonijiet biex ikomplu jiżviluppaw il-proċessi u l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lis-SEAE biex jesplora, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, il-possibbiltà li jwettaq evalwazzjonijiet esterni tal-missjonijiet tal-PSDK.
10. Il-Kunsill jilqa' l-interazzjoni produttiva taż-żewġ Missjonijiet mal-inizjattivi bilaterali tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri tal-UE biex jiġi promoss l-Approċċ Integrat tal-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-livelli sostanzjali ta' kooperazzjoni bejn il-Missjonijiet kollha tal-PSDK fis-Saħel, anke fil-qafas tal-proċess ta' Reġjonalizzazzjoni, u l-involvement tagħhom ma' sħab internazzjonali, bħall-MINUSMA, l-aġenziji u l-programmi tan-NU u l-istrutturi tas-Saħel tal-G5. Il-Kunsill ihegheg lis-SEAE u l-atturi tal-PSDK biex ikomplu jsaħħu din il-koordinazzjoni.